MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 225/2002

Il-Pulizija
Vs
Jonathan Grech

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) Fl-24 t'Awissu 1999 ghall-habta tal-18.15 hrs f'Parades Street, San Pawl il-Bahar saq vettura nru. JON 456 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt;
2) Ukoll talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
3) Ukoll talli saq l-imsemmija vettua minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifikata ghall-imsemmija vettura;

4) B’hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskju tat-terzi persuni;
5) Naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Settembru, 2002 li biha wara li rat l-Artikoli L/N 129/95, l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3), 18(2) tal-Kapitolu 65, iddikjarat il-hames akkuza preskritta w sabet lill-imputat hati fl-akkuzi l-ohra w ikkundannatu ghal multa ta’ mitejn u tmenin lira Maltin (LM280) b’sentejn zmien ghall-hlas kif ukoll issospenditu mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sena (1) minn dak in-nhar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha timmodifika s-sentenza appella billi tikkonfermha kwantu ddikjarat illi l-hames imputazzjoni hija preskritta u tirrevokha kwantu sabitu hati tal-ewwel erba imputazzjonijiet billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Semghet lix-xhud PC 535 Johann Borg fis-seduta tal-lum fejn stqarr illi llum mhux f’posizzjoni li jkun cert mill-identita’ tal-persuna li hu kien ra isuq bla seat belt fid-data imsemmija fic-citazzjoni;

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih iddikjarat li in vista ta’ dak li kien ghadu kif iddikjara l-istess xhud jirrizulta li hemm dubju ragonevoli dwar l-identita’ tal-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi f’dan l-istat ta’ provi jidher li l-appell huwa gustifikat u l-akkuzi kontra l-appellant ma jirrizultawx provati sodisfacilment;

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa’ l-appella w tirriforma is-sentenza appellata, billi tikkonfermha in kwantu ddikjarat il-hames akkuza preskritta w tirrevokha in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta’ htija fuq l-ewwel erba imputazzjonijiet, il-

multa w s-sospensjonij tal-licenzja tas-sewqan u minnflok tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

---------------------------------TMIEM---------------------------------